# Kronaka tal-Banda Viżitazzjoni 15-il sena mit-Twaqqif tagħha

## 2003-2018

Miġbura minn **Alvin Pace** *(Editur tal-Fuljett 'Il-Vuċi' u Delegat tal-Banda Viżitazzjoni)*

Minn dejjem kienet tinħass ix-xewqa li fir-raħal tagħna tal-Għarb tiġi mwaqqfa banda. Kien propju l-ġurnata tat-Tnejn l-14 ta' Lulju tas-sena 2003 meta l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni rat il-bidu tagħha. Niftakar kien avviċinani s-Sindku u Fundatur tal-banda is-Sur David Apap Agius u qalli bil-ħsieb li narmaw banda ġewwa raħalna. Għalhekk, konna ltqajna grupp żgħir u għamilna l-ewwel laqgħa uffiċjali u waqqafna wkoll l-ewwel kumitat.

Mill-ewwel bdiet il-ħidma u bdew il-preparamenti. Kien ġie deċiż li titqassam ittra lil kull familja fl-Għarb sabiex tissieħeb bħala membru u kif ukoll applikazzjoni biex min jixtieq, jitgħallem xi strument.

Ġie avviċinat is-Sur George Debono minn Malta bħala l-ewwel surmast tal-banda u anke l-għalliema tal-mużika. L-ewwel ġiet avviċinata Renance Aquilina biex tibda t-tagħlim tat-Teorija mbagħad is-Sur George Camilleri li ġie maħtur Assistent Surmast u għat-tagħlim tal-istrumenti tar-ram, jiena Alvin Pace fuq is-sezzjoni tas-Saxophones, Renance Aquilina fuq il-klarinetti u Carmel Portelli fuq il-Percussion.

Fl-1 ta' Settembru 2003, sar l-istatut tal-Banda. Is-Sur Nazzareno Vassallo ġie avviċinat u nnominat bħala l-ewwel President Onorarju. Ġiet ippreżentata wkoll l-arma tal-Banda Viżitazzjoni fuq disinn ta' Ruben Camilleri Cauchi.

Fil-25 ta' Ottubru 2003, ġew mixtrija l-Istrumenti tal-Banda u ngabu l-Għarb.

L-ewwel sede tal-Banda kien fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn kellna parti żgħira miċ-Ċentru fejn kien jiltaqa' l-kumitat.

Fid-19 ta' Novembru 2003, tpoġġiet l-arma tal-ġebel imnaqqxa minn Anthony Spiteri, filwaqt li l-għada 20 ta' Novembru tpoġġiet l-antarjola ta' 60 pied fuq il-bejt taċ-Ċentru Parrokkjali u sede tal-Banda. Din l-antarjola ġiet mogħtija mis-sur Nazzareno Vassallo. Wara saret l-ewwel laqgħa tal-kumitat fis-sede l-ġdida fejn ġiet ippreżentata bandiera bl-istemma tal-Għaqda maħduma mis-sur Giovann Cassar u mħallsa mill-membri tal-kumitat.

Fit-22 ta' Novembru 2003, ġiet imwaqqfa uffiċjalment l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni fejn saret quddiesa fil-Bażilika minn Mons. Nikol G.Cauchi Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien u tbierku anke l-istrumenti mużikali. Wara sar korteo bil-bandiera merfugħa mill-membri tal-kumitat saċ-Ċentru, imbagħad sar it-tberik u t-tlugħ tal-bandiera. Ġiet inawgurata wkoll plakka kommemorattiva tal-ewwel kumitat tal-banda mbierka mill-Arċipriet Mons. Carmelo Gauci u inawgurata mis-Sindku u Fundatur is-Sur David Apap Agius. Dun Ġużepp Tabone li huwa d-Direttur Spiritwali tal-Banda bierek l-uffiċċju amministrattiv fejn jiltaqa' l-kumitat.

Fit-28 ta' Novembru 2004, sar l-ewwel kunċert fis-sala tal-Iskola Primarja Karmni Grima.

F'Lulju 2015 Ħarġet l-ewwel edizzjoni tal-fuljett tal-Banda li baqgħet toħroġ ta' kull sena bl-Isem tal-Virtut. Din titqassam bieb bieb lir-residenti tal-Għarb fil-ġimgħa tal-Festa.

Fit-22 ta' Diċembru 2004, il-Banda daqqet għall-ewwel darba fil-pubbliku fuq il-palk ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali b'innijiet tal-Milied fejn imbagħad fis-27 ta' Diċembru ħadet sehem fil-Purċissjoni tal-Bambin tal-Milied organizzata mill-mużew.

Fil-15 ta' Ġunju 2005, inxtrat l-uniformi tal-banda: beritta bil-faxxa blu u l-arma, spalletti b'faxxi lewn id-deheb u ngravata blu bl-arma.

Fit-2 ta' Lulju 2005,Il-Banda Viżitazzjoni daqqet għall-ewwel darba fil-festa tas-sena 2005 fit-translazzjoni u anke billi għamlet programm mużikali fuq il-planċier lejliet il-Festa. Sar ukoll it-tberik tal-istandard tal-Banda Viżitazzjoni mill-Kan. Dun Mikiel Cauchi li ġie mogħti mill-aħwa Cauchi u l-familji tagħhom.

Fid-9 ta' Lulju 2005, il-Banda ħadet sehem fl-ewwel quddiesa ta' Dun Christopher Cauchi billi akkumpanjatu b'korteo mid-dar tiegħu sal-knisja.

Fis-16 ta` Settembru 2005, il-Banda tilfet l-ewwel membru tagħha. Il-Banda daqqet marċi funebri fil-funeral ta` Ġużepp Portelli.

Fit-22 ta` Novembru 2005, għall-ewwel darba l-Banda daqqet fil-knisja flimkien mal-Kor tal-Parroċċa fl-okkażjoni tal-anniversarju tal-Banda. Din l-okkażjoni baqgħet issir kull sena biex infakkru Jum it-Twelid tal-Għaqda.

Fix-xahar ta` Mejju tas-sena 2006, Il-Banda Viżitazzjoni daqqet waqt quddiesa kkonċelebrata mill-Isqof il-Ġdid ta` Għawdex Mario Grech meta għamel l-ewwel żjara tiegħu fil-parroċċa tagħna.

Fl-1 ta` Lulju 2006, Il-Banda daqqet għall-ewwel darba l-Innu l-Kbir filwaqt li l-Ħadd 2 ta` Lulju ħadet sehem għall-ewwel darba fil-purċissjoni tal-Festa.

F`Jum l-Għarb tas-sena 2006 l-Banda daqqet marċijiet u l-Innu lill-Għarb. Dakinhar il-Banda ġiet mogħtija premju bl-isem 'Għarb Gozitan Cultural Award'.

Mill-5 sal-10 ta` Settembru 2006, il-Banda għall-ewwel darba ħarġet 'il barra minn xtutna, fejn kienet l-ewwel banda Maltija li daqqet fil-pjazza tal-Vatikan f`udjenza pontifiċja tal-Papa Benedittu XVI. Daqqejna wkoll Gerano quddiem il-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II li llum jinsab ir-Rabat.

F`Marzu 2006 ġie organizzat il-festival 'Seħer il-Punent' fejn il-Banda ħadet sehem b`marċi brijużi.

Fl-24 ta` Marzu 2006, Il-Banda daqqet marċijiet funebri fil-funeral tal-eks Arċipriet Mons. Ġużeppi Borg.

Fil-15 ta` April 2007, sar l-ewwel recording ta` sett marċi brijużi kif ukoll l-Innu l-Kbir u l-Innu Marċ fuq CD ġewwa Malta.

Fit-13 ta` Mejju 2007, Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem fil-festa tal-Viżitazzjoni fil-Knisja taż-Żejt.

Il-Banda Viżitazzjoni bdiet tiġi mistiedna fl-irħula għall-festi tal-parroċċi bl-ewwel servizz kien fil-11 ta` Awwissu 2007 ġewwa r-Rabat Għawdex għall-festa ta` Santa Marija. Fit-8 ta` Settembru 2007 l-Banda għamlet l-ewwel marċ tal-11am fil-festa tal-Marija Bambina ġewwa x-Xagħra.

Fit-30 ta` Diċembru 2007, sar għall-ewwel darba l-programm tal-Milied fil-knisja.

Fit-12 ta` Awwissu 2009, Il-Banda ġiet mistiedna fil-festa taż-Żebbuġ Għawdex għall-festa ta` Santa Marija.

Fis-6 ta` Settembru 2009, Il-Banda ġiet mistiedna fil-festa tax-Xlendi fil-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Madonna tal-Karmnu madwar it-toroq tax-Xlendi.

Fit-28 ta` Marzu 2010, għall-ewwel darba sar il-programm tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja Bażilika.

Fil-25 ta` April 2010 sar il-Kungress Djoċesan tax-Xirka tal-Imqaddes t`Alla fil-parroċċa tagħna. Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem b`innijiet reliġjużi waqt il-korteo.

Fit-23 ta` Ġunju 2010, Il-Banda ġiet mistiedna għall-ewwel darba fil-festa ta` San Ġwann il-Battista fix-Xewkija.

Fl-10 ta` Lulju 2010, Il-Banda għamlet l-ewwel servizz ġewwa Malta billi ġiet mistiedna ġewwa l-Gżira għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu.

Fis-16 ta` Novembru 2010, waslu fir-raħal tagħna l-fdalijiet tal-Isqof Nikol G. Cauchi, iben ir-raħal tal-Għarb. Il-Banda daqqet marċi funebri.

Fid-9 ta` Jannar 2011, sar il-Pussess tal-Arċipriet il-ġdid Mons. Joseph Sultana. Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem flimkien ma' dik tax-Xagħra fil-korteo minn Triq l-Għarb sal-knisja.

Mix-xahar ta` Frar 2011, beda joħroġ il-fuljett il-Vuċi. L-editur tiegħu huwa jiena, Alvin Pace u joħroġ kull xahar, fejn inżommu aġġornati lir-residenti tal-Għarb bl-andament u l-attivitajiet li saru u li jkunu ser isiru mill-Banda Viżitazzjoni.

Fl-24 ta` April 2011, fl-Għid il-Kbir għall-ewwel darba l-Banda ħadet sehem fid-dimostrazzjoni bl-Irxoxt.

Fit-30 ta` April 2011,Il-Banda ħadet sehem fil-festa ta` San Ġużepp għall-ewwel darba fejn anke ġie mżanżan innu ġdid lil San Ġużepp.

Fit-28 ta` Mejju 2011, sar il-Festival tal-Baned. Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem u bdiet il-festival billi daqqet l-Innu lil Għawdex u kompliet b`marċi brijużi,bl-akkompanjament tal-istandardi tal-baned kollha ta` Għawdex. Wara, il-Banda għamlet programm fuq il-planċier fil-pjazza tal-Munxar.

Ftit qabel il-festa tas-sena 2011 is-Surmast George Debono temm l-impenn tiegħu mal-Banda Viżitazzjoni u għalhekk, il-kumitat ħaseb biex isib suċċessur. Kien avviċinat George Apap mir-Rabat Għawdex biex b'hekk, sar it-tieni Surmast tal-Banda Viżitazzjoni. Fit-28 ta` Awwissu saret laqgħa speċjali u merħba lis-Surmast il-ġdid Mro George Apap. F`Novembru 2011 ġie maħtur ukoll Jason Camilleri bħala l-Assistent Surmast il-ġdid tal-Banda.

Fit-28 ta` Ottubru 2011, Jum Ghawdex. Il-Banda Viżitazzjoni kienet l-ewwel banda għawdxija mistiedna għal din l-okkażjoni li kienet ser tibda ssir kull sena fir-Rabat Għawdex.

Fit-30 ta` Diċembru 2011, Il-Banda Viżitazzjoni għamlet għall-ewwel darba programm speċjali tal-aħħar tas-sena fil-Kempinski Hotel f`San Lawrenz bl-Isem 'Dreams of Vienna' li baqa' jsir ta` kull sena.

Fid-19 ta` Frar 2012, Il-Banda ġiet mistiedna għall-ewwel darba biex tieħu sehem fl-attivitajiet tal-Karnival ġewwa r-Rabat Għawdex.

Fil-31 ta` Lulju 2012 ħalliena wieħed mill-membri

tal-banda tagħna. Louis Mizzi kien jieħu ħsieb it-tmexxija tal-karru tal-katuba. Il-Banda ħadet sehem fil-funeral tiegħu billi daqqet marċi funebri.

F'Awwissu 2012, il-Banda Viżitazzjoni għat-tieni darba reġgħet ħalliet xtutna fejn morna ndoqqu ġewwa s-Slovakkja. Żorna wkoll Budapest fl-Ungerija, Vienna fl-Awstrija u Krakow fil-Polonja. F'Settembru mbagħad il-Banda għamlet programm ta' mużika mis-snin 70, 80 u 90 ġewwa Marsalforn.

Is-Sena 2013 kienet sena speċjali għall-Banda Viżitazzjoni. Sewwasew l-ewwel jum mix-xahar ta' Frar jibqa' mnaqqax fl-istorja tal-Banda, meta dakinhar ġie ffirmat il-kuntratt tas-sede l-ġdida li kien il-kunvent tas-Sorijiet. L-indirizz hu 48, Pjazza taż-Żjara tal-Madonna, liema kuntratt sar ġewwa Malta fil-kunvent tas-Sorijiet Dumnikani quddiem in-Nutar Paul G. Pisani. Minnufih bdew ix-xogħlijiet fuq il-każin minn voluntiera membri tal-kumitat tal-Banda. F'din is-sena l-Banda Viżitazzjoni fakkret ukoll l-10 Anniversarju tal-Banda bir-recording ta' sett marċi ġodda fuq CD li sar ġewwa ċ-Ċentru Parrokkjali ta' Għajnsielem.

Fl-4 ta' Lulju 2013, wara l-programm mużikali tal-festa saret l-inawgurazzjoni tal-ewwel fażi tal-każin il-ġdid mis-Segretarju Parlamentari Dr. Franco Mercieca u t-tberik tal-każin mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana.

Fit-22 ta' Novembru 2013 ġie mfakkar l-10 Anniversarju tal-Banda. Il-quddiesa ta' filgħaxija kienet ikkonċelebrata minn Nunzju Mons. Aldo Cavalli u animata bil-Banda. Fl-okkażjoni tal-10 snin banda nħareġ ukoll timbru speċjali mill-Maltapost li jikkomemora dan l-anniversarju.

Fit-23 ta' Settembru 2014, Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem fil-funeral ta' Dun Ġużepp Mintoff ġewwa l-Għasri b'marċi funebri.

Fit-22 ta' Marzu 2015, ġiet imtellgħa għall-ewwel darba l-bandiera fuq il-każin il-ġdid tal-Banda bis-sehem tat-tfal jerfgħu l-bandiera waqt li l-Banda daqqet marċi brijużi mill-knisja sal-każin.

L-Erbgħa 5 ta' Awwissu 2015, ġie inawgurat il-grawnd tal-futbol wara li sar xogħol estensiv u ġie miksi bit-turf. Il-Banda Viżitazzjoni daqqet marċi fil-ftuħ uffiċjali tal-grawnd.

Fl-20 ta' Marzu 2016, Is-Surmast Direttur Mro George Apap temm il-ħidma tiegħu bħala Surmast tal-Banda Viżitazzjoni. Minnufih inħatar Jason Camilleri bħala s-Surmast il-ġdid tal-Banda Viżitazzjoni, kif ukoll Marvin Grech bħala Assistent Surmast. Dakinhar ġewwa l-Knisja Bażilika ttella' l-programm ta' mużika sagra taħt id-direzzjoni tas-Surmast il-ġdid Mro Jason Camilleri, fejn imbagħad dan il-programm baqa' jsir taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Marvin Grech.

Fid-19 ta' Gunju 2016, Kienet preżenti fostna l-Onorevoli Justyne Caruana MP u sar l-iffirmar tal-ftehim ta' Night Shelter mal-każin tal-Banda Viżitazzjoni.

Fl-24 ta' Settembru 2016, Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem fit-translazzjoni tal-festa tal-konsagrazzjoni tal-artal il-ġdid għall-Bażilika tal-Għarb.

Fl-4 ta' Diċembru 2016, ġie inawgurat il-monument tal-Isqof Nikol G. Cauchi fil-pjazza fejn ħadet sehem il-Banda Viżitazzjoni.

Is-Sibt 14 ta' Jannar 2017, fil-Parroċċa tal-Għarb inħatar arċipriet ġdid, Mons. Trevor Sultana. Il-Banda Viżitazzjoni ħadet sehem fil-korteo tal-pussess flimkien mal-Banda Prekursur tax-Xewkija.

Fl-10 ta' Marzu 2017, Il-Banda ġiet mistiedna fil-Belt Victoria fejn saret l-Infiorata minn diversi pajjiżi bħal Sqallija, il-Messiku u l-Belġju kif ukoll ir-raħal tagħna.

Bejn il-Ġimgħa 24 u l-Ħadd 26 ta' Novembru 2017, ġie organizzat il-festival tal-baned bl-Isem 'Make Music Great'. F'din l-okkażjoni ħadu sehem diversi baned fosthom taż-Żebbuġ Għawdex, ta' Sannat, ta' Ħal Għaxaq Malta, kif ukoll banda mill-Olanda u anke ta' Pace Del Mela ġewwa Sqallija. Il-baned kollha flimkien mal-Banda Viżitazzjoni mmarċjaw flimkien minn Triq l-Għarb sal-Pjazza.

Din is-sena, 2018, il-Banda Viżitazzjoni qed tfakkar il-15 –il anniversarju mit-twaqqif tagħha. Għalhekk, il-kumitat flimkien mas-Surmast Direttur Jason Camilleri ħaseb biex jirrekordja it-tielet sett ta' marċi brijużi. Dan sar fis-sala tal-każin tal-banda fit-18 ta' Marzu 2018.

Bejn it-30 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2018 il-Banda Viżitazzjoni għal darb'oħra ħarġet minn xtutna fejn konna mistiedna ġewwa Pace Del Mela fil-provinċja ta' Messina ġewwa Sqallija, fejn ħadna sehem fil-festa tal-Viżitazzjoni ġewwa dan ir-raħal.

Ta' kull sena l-Banda Viżitazzjoni tieħu sehem bis-sħiħ fil-festa tar-raħal li tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Lulju .

Kif tibda sena ġdida propju fix-xahar ta' Jannar issir l-ewwel laqgħa ġenerali u jissejjaħ kumitat ġdid għal dik is-sena. Kull xahar il-kumitat jiltaqa' għal-laqgħa li tiġi msejħa biex nitkellmu u norganizzaw l-attivitajiet . Kull xahar issir attività fosthom 'coffee mornings', ikliet u 'barbecques' mill-kumitat tal-Banda biex jinġabru fondi bżonnjużi għall-Banda. Fix-xahar ta' Awwissu ssir l-unika ġabra għall-Membership bieb bieb. Kull nhar ta' Ħadd filgħodu jsiru l-kunċerti fis-sala tal-każin fejn nippreparaw għall-attivitajiet u s-servizzi li jkollna matul is-sena.